

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

KUMMISSJONI

FI-Mikkeli: Operar ta' servizzi ta' l-ajru skedati

Sejħa għall-offerti

(2007/C 206/05)

1. **Introduzzjoni:** B'konformità ma' l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji, il-Gvern Finlandiż (il-Ministeru tat-Trasport u Komunikazzjonijiet) iddeċieda li jimponi l-obbligu ta' servizz pubbliku fuq servizzi ta' l-ajru skedati li joperaw fuq ir-rotta Mikkeli-Helsinki.

L-obbligu ta' servizz pubbliku ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (C 205, 4.9.2007).

Jekk, sa l-1 ta' Settembru 2007, ebda trasportatur ta' l-ajru ma jkun għadu beda jopera jew ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jibda jopera servizzi ta' l-ajru skedati fuq ir-rotta Mikkeli-Helsinki b'konformità ma' l-obbligu ta' servizz pubbliku mingħajr ħtieġa ta' kumpens finanzjarju, il-Ministeru tat-Trasport u Komunikazzjonijiet jillimita l-aċċess għal din ir-rotta għal trasportatur ta' l-ajru wieħed għal mhux aktar minn tliet snin. F'dan il-każ, id-dritt li wieħed jopera fuq din ir-rotta jingħata abbażi ta' sejħa għall-offerti skond l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament imsemmi qabel. Fil-11 ta' Ġunju 2007, il-Belt ta' Mikkeli (il-klijent) iddeċidiet li tnedi s-sejħa għall-offerti.

2. **Is-suġġett tas-sejħa għall-offerti:** L-operar ta' servizzi ta' l-ajru skedati fuq ir-rotta Mikkeli-Helsinki mill-1.12.2007 sat-30 ta' Settembru 2010, għajr fil-perjodi 20 6 sa 15.8.2008, 19.8 sa 15.9.2009 u 18.6 sa 15.9.2010.

3. **Parteċipazzjoni fil-proċedura tas-sejħiet għall-offerti:** L-offerti jistgħu jiġu sottomessi minn kwalunkwe trasportatur ta' l-ajru li jkollu liċenzja valida skond it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar liċenzjar ta' trasportaturi ta' l-ajru (air carriers).

4. **Il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti:** Il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti ser titmexxa skond l-Artikolu 4(1)(d) sa (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92.

Jekk il-prezz ikun għoli wisq jew jekk iċ-ċirkustanzi jew ir-rekwiżiti għall-organizzazzjoni tas-servizz jinbidlu b'mod sinifikanti, tant li s-servizz ippjanat ma jibqax vijabbli jew li jsir impossibbli li jkun implimentat bil-mod deskritt fis-sejħa għall-offerti, il-klijent jista' jirrifjuta l-offerti kollha.

Sakemm jiġi ffirmat il-kuntratt, il-klijent jibqagħlu d-dritt li jittardja d-data tal-bidu tas-servizz ippjanat. Jekk id-data tal-bidu tas-servizz tiġi ttardjata, id-data tat-tmiem tas-servizz tiġi ttardjata wkoll, b'mod korrispondenti.

5. **Dokumenti tas-sejħa għall-offerti:** Sett sħiħ ta' dokumenti tas-sejħa għall-offerti, li jkun magħmul minn sejħa għall-offerti, il-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, il-kuntratt, deskrizzjoni ta' l-obbligu ta' servizz pubbliku u formoli tas-sejħa għall-offerti, jista' jinkiseb mingħand:

Mikkelin kaupunki, Kirjaamo, PL 33, -50101 Mikkeli.

Dawn id-dokumenti jistgħu jinkisbu wkoll billi tintbagħat e-mail lil dan l-indirizz: kirjaamo@mikkeli.fi jew permezz ta' feks fuq in-numru +358 15 194 2040.

6. **Kumpens finanzjarju:** L-offerti għandhom jispeċifikaw b'mod ċar l-ammont, l-euro, tal-kumpens meħtieġ għas-servizz ikkonċernat. Il-kumpens meħtieġ għandu jkun ibbażat fuq stima ta' l-ispejjeż u dħul reali, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti minimi imposti mill-obbligu ta' servizz pubbliku. Il-kumpens jista' jkopri biss is-servizzi u spejjeż reali magħmula fl-ajruporti ta' Helsinki-Vantaa u Mikkeli u li jkunu relatati ma' l-operar ta' dawn ir-rotot biss. Il-kumpens ma għandux jinkudi spejjeż magħmula fuq rotot jew fajruporti oħra.

Il-kumpens u l-ispejjeż kollha għandhom ikunu speċifikati l-euro.

7. **Il-prezzijiet tal-biljetti:** L-offerta għandha tispeċifika l-prezzijiet tal-biljetti u l-kundizzjonijiet għall-validità tagħhom, kif ukoll id-diversi tipi ta' biljetti fis-sistema tal-prezzijiet. Il-prezzijiet għandhom ikunu konformi ma' l-obbligu ta' servizz pubbliku impost fuq din ir-rotta.
8. **Kriterji ta' l-għażla:** L-għażla għandha ssir minn fost l-offerti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fis-sejħa għall-offerti u fid-dokumenti tas-sejħa għall-offerti. L-għażla għandha tikkunsidra l-elementi msemmija fl-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92.
9. **Il-perjodu ta' validità tal-kuntratt:** Il-kuntratt ikun validu mid-data li fiha jiġi konkluż sat-30 ta' Settembru 2010. Is-servizzi għandhom jibdew joperaw fl-1.12.2007 u jieqfu fit-30 ta' Settembru 2010.
- Jekk il-klijent ikollu jittardja d-data tal-bidu tas-servizzi, idati tat-tmiem tas-servizzi u tal-kuntratt jiġu ttardjati wkoll, b'mod korrispondenti.
10. **Emenda jew terminazzjoni tal-kuntratt:** Il-kuntratt jista' jiġi emendat biss jekk l-emendi ma jwasslux għal sitwazzjoni fejn ir-rekwiżiti meħtieġa mill-obbligu ta' servizz pubbliku fuq din ir-rotta ma jibqgħux jintlaħqu. L-emendi għall-kuntratt għandhom isiru bil-miktub. Il-partijiet ikollhom id-dritt li jtemmu l-kuntratt, jekk, skond it-termini tal-kuntratt, ikun hemm raġuni għalfejn jagħmlu hekk.
11. **Sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kuntratt:** It-trasportatur ta' l-ajru għandu r-responsabbiltà li jissodisfa l-obbligi stipulati fil-kuntratt. Jekk it-trasportatur ma jirnexxilux jissodisfa l-obbligi jew jekk ma jissodisfahomx kif xieraq, il-klijent jista' jnaqqas il-kumpens li għandu jitħallas.
12. **Data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' l-offerti:** L-offerti għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard minn 31 jum mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.
13. **Is-sottomissjoni ta' l-offerti:** L-offerti għandhom jaslu f'Mikkeli City Hall sa mhux aktar tard mit-tlieta ta' wara nofsinhar tad-data speċifikata fil-punt 12. L-applikant għandu jimmarka l-envelop: "Tarjous: Mikkelin lentolikenne, dnro 1989/2007" (= Offerti: servizzi ta' l-ajru ta' Mikkeli, numru ta' referenza 1989/2007). L-offerti jistgħu jintbagħtu bil-posta fl-indirizz imsemmi fil-punt 5 ta' hawn fuq, jew jiġu sottomessi lir-reġistru tal-Belt ta' Mikkeli f'dan l-indirizz: Raatihuoneenkatu 8-10, 50100 Mikkeli. Ir-reġistru jiftaħ kuljum, mit-Tnejn sal-Ġimgħa.
- Il-prezz ta' l-offerta għandu jiġi speċifikat f'envelop separat u ssiġillat, li jkollu l-isem ta' min qed jagħmel l-offerta jidher.
- L-offerti jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2007.
14. **Il-validità tas-sejħa għall-offerti:** Skond l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92, l-Istat Finlandiż (il-Ministeru tat-Trasport u Komunikazzjonijiet) għandu d-dritt li jissospendi l-proċedura tas-sejħa għall-offerti jekk, qabel l-1 ta' Settembru 2007, xi trasportatur ta' l-ajru Komunitarju jinnotifika lill-Amministrazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili tal-Finlandja li mill-1.12.2007 jixtieq jibda jopera s-servizzi ta' l-ajru bi skeda fuq ir-rotta kkonċernata b'konformità ma' l-obbligu ta' servizz pubbliku mingħajr drittijiet esklussivi u mingħajr ma jirċievi kumpens finanzjarju.